MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT

## AARON BUGEJA

Seduta tad-19 ta' Dicembru, 2014

Numru. 1221/2014

**Il-Pulizija**

**(Spettur Carlos Cordina)**

**vs**

**Christopher Borg**

Wara li rat l-imputatazzjonijiet datati 11 ta' Diċembru, 2014 fil-konfront ta` Christopher Borg, detentur tal-karta tal-identita' numru 141979(M).

L-imputat ġie akkużat talli b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Liġi, liema atti ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda :

1. "Nakkuzak talli fi Triq Ramija gewwa Siggiewi fi 08 ta' Dicembru 2014, ghal habta ta' 18.30hrs, ikkommettejt serq ta' flus kontanti, liema serq ma jeccediex l-mija u sittax ewro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47c) u ghalhekk ikkwalifikat bil-valur, bil-mezz, bil hin, u bil-lok u li sar ghad-detriment ta' Joseph Borg detentur ta' karta ta' Identita:0312671 M;

2. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, lqajt ghandek, jew xtrajt hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat jew b'kull mod li jkun indhalt biex tbieghhom jew tmexxihom;

3. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassart, ghamilt hsara jew gharraqt hwejjeg haddiehor mobbli jew immobli liema hsara teccedi il-mija u sittax ewro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47c)fuq vettura numru ta reg. FBQ 817 ta ghamla Peugeot ghad-dannu ta' Joseph Borg detentur ta' karta ta' Identita:0312671 M;

4. Nakkuzak talli fi Triq L-Iljun Qormi fi 08 ta' Dicembru 2014, ghal habta ta' 14:00hrs,ikkommettejt serq ta' flus kontanti, liema serq ma jeccediex l-mija u sittax ewro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47c) u ghalhekk ikkwalifikat bil-valur, bil-mezz, bil hin, u bil-lok u li sar ghad-detriment ta' Nicholas Bonello detentur ta' karta ta' Identita:025685 M;

5. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, lqajt ghandek, jew xtrajt hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat jew b'kull mod li jkun indhalt biex tbieghhom jew tmexxihom;

6. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassart, ghamilt hsara jew gharraqt hwejjeg haddiehor mobbli jew immobli liema hsara teccedi il-Euro 116.47 fuq vettura numru ta reg. CBP 691 ta ghamla Peugeot ghad-dannu ta' Nicholas Bonello detentur ta' karta ta' Identita:025685 M;

7. Nakkuzak talli fi Triq L-Iljun Qormi fi 08 ta' Dicembru 2014, ghal habta ta' 14:00hrs,ikkommettejt serq ta' flus kontanti, liema serq ma jeccediex l-mija u

sittax ewro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47c) u ghalhekk ikkwalifikat bil-valur, bil-mezz, bil hin, u bil-lok u li sar ghad-detriment ta' Emanuel Garzia detentur ta' karta ta' Identita:028272 M;

8. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, lqajt ghandek, jew xtrajt hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat jew b'kull mod li jkun indhalt biex tbieghhom jew tmexxihom;

9. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassart, ghamilt hsara jew gharraqt hwejjeg haddiehor mobbli jew immobli liema hsara teccedi il-Euro 116.47 fuq vettura numru ta reg. CBP 691 ta ghamla Peugeot ghad-dannu ta' Emanuel Garzia detentur ta' karta ta' Identita:028272 M;

10. Nakkuzak talli fi Triq L-Iljun Qormi fi 08 ta' Dicembru 2014, ghal habta ta' 14:00hrs,ikkommettejt serq ta' flus kontanti, liema serq ma jeccediex l-mija u sittax ewro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47c) u ghalhekk ikkwalifikat bil-valur, bil-mezz, bil hin, u bil-lok u li sar ghad-detriment ta' Emanuel Bonnici detentur ta' karta ta' Identita:080967 M;

11. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, lqajt ghandek, jew xtrajt hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat jew b'kull mod li jkun indhalt biex tbieghhom jew tmexxihom;

12. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassart, ghamilt hsara jew gharraqt hwejjeg haddiehor mobbli jew immobli liema hsara teccedi il-Euro 116.47 fuq vettura numru ta reg. CBP 691 ta ghamla Peugeot ghad-dannu ta' Emanuel Bonnici detentur ta' karta ta' Identita:080967 M;

13. Nakkuzak talli fi Triq L-Iljun Qormi fi 08 ta' Dicembru 2014, ghal habta ta' 14:00hrs,ikkommettejt serq ta' ***fire extinguisher***, liema serq ma jeccediex l-mija u sittax ewro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47c) u ghalhekk ikkwalifikat bil-valur, bil-mezz, bil hin, u bil-lok u li sar ghad-detriment ta' Carmel Borg detentur ta' karta ta' Identita:0813343 M;

14. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, lqajt ghandek, jew xtrajt hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat jew b'kull mod li jkun indhalt biex tbieghhom jew tmexxihom;

15. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassart, ghamilt hsara jew gharraqt hwejjeg haddiehor mobbli jew immobli liema hsara teccedi il-Euro 116.47 fuq vettura numru ta reg. QPR 002 ta ghamla Toyota ghad-dannu ta' Carmel Borg detentur ta' karta ta' Identita:0813343 M;

16. Nakkuzak talli fi Triq L-Iljun Qormi fi 08 ta' Dicembru 2014, ghal habta ta' 14:00hrs,ikkommettejt serq ta' ***ammont mhux maghruf ta CD's***, liema serq ma jeccediex l-mija u sittax ewro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47c) u ghalhekk ikkwalifikat bil-valur, bil-mezz, bil hin, u bil-lok u li sar ghad-detriment ta' Lawrence Borg detentur ta' karta ta' Identita:061640M;

17. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, lqajt ghandek, jew xtrajt hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat jew b'kull mod li jkun indhalt biex tbieghhom jew tmexxihom;

18. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassart, ghamilt hsara jew gharraqt hwejjeg haddiehor mobbli jew immobli liema hsara teccedi il-Euro 116.47 fuq vettura numru ta reg. AAE 759 ta ghamla Ford ghad-dannu ta' Lawrence Borg detentur ta' karta ta' Identita:061640M;

19. Nakkuzak talli fi Triq L-Iljun Qormi fi 08 ta' Dicembru 2014, ghal habta ta' 14:00hrs,ikkommettejt serq ta' ***remote control***, liema serq ma jeccediex l-mija u sittax ewro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47c) u ghalhekk ikkwalifikat bil-valur, bil-mezz, bil hin, u bil-lok u li sar ghad-detriment ta' Shawn Axisa detentur ta' karta ta' Identita:0337375M;

20. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, lqajt ghandek, jew xtrajt hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat jew b'kull mod li jkun indhalt biex tbieghhom jew tmexxihom;

21. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassart, ghamilt hsara jew gharraqt hwejjeg haddiehor mobbli jew immobli liema hsara teccedi il-Euro 116.47 fuq vettura numru ta reg. FAE 997 ta ghamla Mitsubishi ghad-dannu ta' Shawn Axisa detentur ta' karta ta' Identita:0337375M;

22. Nakkuzak talli fi Triq L-Iljun Qormi fi 08 ta' Dicembru 2014, ghal habta ta' 14:00hrs,ikkommettejt serq ta' ***flus kontanti***, liema serq ma jeccediex l-mija u sittax ewro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47c) u ghalhekk ikkwalifikat

bil-valur, bil-mezz, bil hin, u bil-lok u li sar ghad-detriment ta' Anthony Bartolo detentur ta' karta ta' Identita:0339864M;

23. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, lqajt ghandek, jew xtrajt hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat jew b'kull mod li jkun indhalt biex tbieghhom jew tmexxihom;

24. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassart, ghamilt hsara jew gharraqt hwejjeg haddiehor mobbli jew immobli liema hsara teccedi il-Euro 116.47 fuq vettura numru ta reg. JBC 678 ta ghamla Mitsubishi ghad-dannu ta' Anthony Bartolo detentur ta' karta ta' Identita:0339864M;

25. Nakkuzak talli fi Triq L-Iljun Qormi fi 08 ta' Dicembru 2014, ghal habta ta' 14:00hrs,ikkommettejt serq ta' ***cappetta,*** liema serq ma jeccediex l-mija u sittax ewro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47c) u ghalhekk ikkwalifikat bil-valur, bil-mezz, bil hin, u bil-lok u li sar ghad-detriment ta' John Bonavia detentur ta' karta ta' Identita:0279464M;

26. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, lqajt ghandek, jew xtrajt hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat jew b'kull mod li jkun indhalt biex tbieghhom jew tmexxihom;

27. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassart, ghamilt hsara jew gharraqt hwejjeg haddiehor mobbli jew immobli liema hsara teccedi il-Euro 116.47 fuq vettura numru ta reg. 5670 ta ghamla Mercedes ghad-dannu ta' John Bonavia detentur ta' karta ta' Identita:0279464M;

28. Nakkuzak talli fi Triq Ramija gewwa Siggiewi fi 08 ta' Dicembru 2014, ghal habta ta' 18.30hrs, ikkommettejt serq ta' kamera ta' ritratti ta' marka ***Olympus***, liema serq ma jeccediex l-mija u sittax ewro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47c) u ghalhekk ikkwalifikat bil-valur, bil-mezz, bil hin, u bil-lok u li sar ghad-detriment ta' Nicholas F.Cassar detentur ta' karta ta' Identita:0252070 M;

29. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, lqajt ghandek, jew xtrajt hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat jew b'kull mod li jkun indhalt biex tbieghhom jew tmexxihom;

30. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassart, ghamilt hsara jew gharraqt hwejjeg haddiehor mobbli jew immobli liema hsara teccedi il-Euro 116.47 fuq vettura numru ta reg. HAB 249 ta ghamla Ford ghad-dannu ta’ Nicholas F.Cassar detentur ta’ karta ta’ Identita:0252070 M;

31. Nakkuzak talli gewwa il parkegg ta’ stabilliment **Lidl**, Hal Qormi fi 08 ta’ Dicembru 2014, ghal habta ta’ 10.15hrs, ikkommettejt serq ta’ ***Stereo*** ta’ marka ditta mhux maghrufa , liema serq ma jeccediex l-mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94c) u ghalhekk ikkwalifikat bil-valur, bil-mezz, bil hin, u bil-lok u li sar ghad-detriment ta’ Carmen Vella detentur ta’ karta ta’ Identita:0529774 M;

32. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, lqajt ghandek, jew xtrajt hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat jew b’kull mod li jkun indhalt biex tbieghhom jew tmexxihom;

33. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassart, ghamilt hsara jew gharraqt hwejjeg haddiehor mobbli jew immobli liema hsara teccedi il-Euro 116.47 fuq vettura numru ta reg. GBD 109 ta ghamla Subaru ghad-dannu ta’ Carmen Vella detentur ta’ karta ta’ Identita:0529774 M;

34. ukoll talli fl-istess data, fi Triq l-iljun Qormi ghal habta ta’ 14:00 u cirkostanzi, volontarjament hassart, ghamilt hsara jew gharraqt hwejjeg haddiehor mobbli jew immobli liema hsara teccedi il-Euro 116.47 fuq vettura numru ta reg. DAC 817 ta ghamla Toyota ghad-dannu ta’ Joseph Xuereb detentur ta’ karta ta’ Identita:077080 M;

35. ukoll talli fl-istess data, fi Triq l-iljun Qormi ghal habta ta’ 14:00 u cirkostanzi, volontarjament hassart, ghamilt hsara jew gharraqt hwejjeg haddiehor mobbli jew immobli liema hsara teccedi il-Euro 116.47 fuq vettura numru ta reg. JBA 362 ta ghamla Ford ghad-dannu ta’ Anglu Cassar detentur ta’ karta ta’ Identita:0477051 M;

36. ukoll talli fl-istess data, fi Triq l-iljun Qormi ghal habta ta’ 14:00 u cirkostanzi, volontarjament hassart, ghamilt hsara jew gharraqt hwejjeg haddiehor mobbli jew immobli liema hsara teccedi il-Euro 116.47 fuq vettura numru ta reg. IBN 248 ta ghamla Toyota ghad-dannu ta’ Joseph Vella detentur ta’ karta ta’ Identita:0240462 M;

37. ukoll talli fl-istess data, fi Triq l-iljun Qormi ghal habta ta’ 14:00 u cirkostanzi, volontarjament hassart, ghamilt hsara jew gharraqt hwejjeg haddiehor mobbli jew immobli liema hsara teccedi il-Euro 116.47 fuq vettura numru ta reg. BBJ 391 ta ghamla Toyota ghad-dannu ta’ Victor Spiteri detentur ta’ karta ta’ Identita:0486564 M;

38. ukoll talli fl-istess data, fi Triq l-iljun Qormi ghal habta ta’ 14:00 u cirkostanzi, volontarjament hassart, ghamilt hsara jew gharraqt hwejjeg haddiehor mobbli jew immobli liema hsara teccedi il-Euro 116.47 fuq vettura numru ta reg. TFD 701 ta’ ghamla Kia ghad-dannu ta’ Carmel Frendo detentur ta’ karta ta’ Identita:0734955 M;

39. ukoll talli fl-istess data, fi Triq l-iljun Qormi ghal habta ta’ 14:00 u cirkostanzi, volontarjament hassart, ghamilt hsara jew gharraqt hwejjeg haddiehor mobbli jew immobli liema hsara teccedi il-Euro 116.47 fuq vettura numru ta reg. FBG 223 ta ghamla Isuzu ghad-dannu ta’ Peter Farrugia detentur ta’ karta ta’ Identita:061065 M;

40. ukoll talli fl-istess data, fi Triq l-iljun Qormi ghal habta ta’ 14:00 u cirkostanzi, volontarjament hassart, ghamilt hsara jew gharraqt hwejjeg haddiehor mobbli jew immobli liema hsara teccedi il-Euro 116.47 fuq vettura numru ta reg. LMX 005 ta ghamla Mazda ghad-dannu ta’ John Cutajar detentur ta’ karta ta’ Identita:0720858 M;

41. ukoll talli fl-istess data, fi Triq l-iljun Qormi ghal habta ta’ 14:00 u cirkostanzi, volontarjament hassart, ghamilt hsara jew gharraqt hwejjeg haddiehor mobbli jew immobli liema hsara teccedi il-Euro 116.47 fuq vettura numru ta reg. BBT 617 ta ghamla Peugeot ghad-dannu ta’ Mary Muscat detentur ta’ karta ta’ Identita:0735157 M;

42. ukoll talli fl-istess data, fi Triq l-iljun Qormi ghal habta ta’ 14:00 u cirkostanzi, volontarjament hassart, ghamilt hsara jew gharraqt hwejjeg haddiehor mobbli jew immobli liema hsara teccedi il-Euro 116.47 fuq vettura numru ta reg. LCA 971 ta ghamla Daewoo ghad-dannu ta’ John Cini detentur ta’ karta ta’ Identita:0425954 M;

43. ukoll talli fl-istess data, fi Triq Ramija Siggiewi ghal habta ta’ 18:30 u cirkostanzi, volontarjament hassart, ghamilt hsara jew gharraqt hwejjeg haddiehor mobbli jew immobli liema hsara teccedi il-Euro 116.47 fuq vettura numru ta reg. JBG 462 ta ghamla Toyota ghad-dannu ta’ Mario Grixti detentur ta’ karta ta’ Identita:0231572 M;

44. ukoll talli fl-istess data, fi Triq Ramija Siggiewi ghal habta ta' 18:30 u cirkostanzi, volontarjament hassart, ghamilt hsara jew gharraqt hwejjeg haddiehor mobbli jew immobli liema hsara teccedi il-Euro 116.47 fuq vettura numru ta reg. ABS 772 ta ghamla Toyota ghad-dannu ta' Victor Bonello detentur ta' karta ta' Identita:0492453 M;

45. ukoll talli fl-istess data, fi Triq Ramija Siggiewi ghal habta ta' 18:30 u cirkostanzi, volontarjament hassart, ghamilt hsara jew gharraqt hwejjeg haddiehor mobbli jew immobli liema hsara teccedi il-Euro 116.47 fuq vettura numru ta reg. AAG 472 ta ghamla Opel ghad-dannu ta' Clint Cauchi detentur ta' karta ta' Identita:0162685 M;

46. u talli fl-istess data, fi parkegg ta' stabiliment Lidl, gewwa Hal Qormi, ghal habta ta' 10:15 u cirkostanzi, volontarjament hassart, ghamilt hsara jew gharraqt hwejjeg haddiehor mobbli jew immobli liema hsara teccedi il-Euro 116.47 fuq vettura numru ta reg. AAC 148 ta ghamla Toyota ghad-dannu ta' Raymond Camilleri detentur ta' karta ta' Identita:0140369 M;

U talli ksirt il-provedimenti tal-Artikolu 7 tal-Kap.446 ta' Ligijiet ta' Malta b'sentenza moghtija mill-Magistrat Dr.N.Galea Sciberras LLd, Qorti tal-Magistrati (Malta) datata it-02 ta' Settembru 2014;

Nakkuzah ukoll talli rrenda ruhu recediv b`diversi sentenzi tal-Qorti li issa saru definittivi u ma jistawx jinbiddlu. Art 49, 50 289 Kap 9.

Il-Qorti hija wkoll gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat/i ghal hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta."

Rat l-atti u d-dokumenti ezibiti;

Rat li matul is-seduta tal-11 ta' Diċembru 2014 quddiem din il-Qorti diversament presjeduta waqt l-eżami tal-imputat ai termini tal-Artikolu 392(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali huwa wieġeb li huwa ma kienx ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu.

Il-Qorti rat ukoll li matul is-seduta sussegwenti quddiem din il-Qorti kif presjeduta, ċjoe dik miżmuma nhar il-15 ta' Diċembru 2014 l-Uffiċjal Prosekutur speċifika li l-imputazzjonijiet relattivament għall-ħsara volontarja fil-vetturi kontestata lill-imputat fil-kuntest tal-imputazzjonijiet ta' serq mill-vetturi kienet kontestata lill-imputat bħala mezz sabiex ikun jista' jitwettaq is-serq mill-vetturi, filwaqt li l-imputazzjonijiet ta' riċettazzjoni ġew kontestati bħala alternattivi għar-reati tas-serq.

Il-Qorti rat ukoll li matul l-istess seduta l-imputat stqarr li huwa ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu skont kif kien speċifika l-Uffiċjal Prosekutur;

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tiegħu fis-sens li f'każ ta' sejbien ta' ħtija l-Qorti setgħet timponi l-piena ta' priġunerija jew pieni oħra, u wara li tagħtu ftit taż-żmien sabiex anke jikkonsulta l-Avukat tiegħu u jiddeċiedi jekk hux

sejjer jerġa lura minnha, fil-presenza tal-Avukat Christopher Chircop tenna l-ammissjoni tiegħu u wieġeb li huwa ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu skont kif speċifikat mill-Uffiċjal Prosekutur;

Il-Qorti kif presjeduta rat li l-imputat kien deċiż fid-deċiżjoni tiegħu li jammetti l-ħtija.

Il-Qorti wara li rat l-Artikolu 392A(2) tal-Kodiċi Kriminali, rat li tista' tgħaddi biex tgħati s-sentenza minnufih.

Peress li l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontrih skont kif speċifikat mill-Uffiċjal Prosekutur, fiċ-ċirkostanzi tal-każ il-Qorti tqis li dawn huma sodisfaċentement pruvati. Għalhekk, meta qieset kont taċ-ċirkostanzi kollha ta' dan il-każ, il-Qorti ma tistax ħlief tiddikjarah ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu f'dan il-każ, skont kif imfisser mill-Uffiċjal Prosekutur.

Semgħet it-trattazzjoni tal-Partijiet fir-rigward tal-piena li għandha tiġi inflitta f'dan il-każ.

L-Uffiċjal Prosekutur iddikjara li wara l-arrest, l-imputat ikkopera bis-sħiħ mal-Pulizija u saħansitra ħadhom fuq il-postijiet fejn huwa ikkommetta s-serq meritu ta' dan il-każ u minfejn il-Pulizija setgħet tara t-traċċi tar-reat, fosthom anke traċċi ta' demm li ħalla l-imputat fuq il-post minn fejn ikkommetta r-reati nonche rat it-tkissir fil-vetturi. Dawn il-postijiet kienu jinkludu wkoll postijiet viċin ta' fejn kienu joqgħodu familjari tal-imputat, pero kienu jinkludu wkoll postijiet oħra bħal-Park and Ride ta' Ħal-Qormi u l-Lidl Supermarket tal-istess lokal.

Minn naħa tiegħu l-Avukat Difensur stqarr li l-imputat kien qiegħed jiskuża ruħu mal-vitmi tar-reati li kkommetta. Stqarr ukoll li dan kien każ pjetuż fejn l-imputat kien vittma ta' abbuż mid-droga sa' minn meta kellu tlettax il-sena kif ukoll għaliex l-imputat għalkemm kellu l-jedd li jsib il-wens tas-soċjeta sabiex jinfatam mill-vizzju tad-droga, tali wens, b'xorti ħażina ma kienx sabu. Stqarr ukoll li huwa kien jieħu ħsieb lill-ommu li għandha bżonnu. Huwa talab li tiġi imposta l-piena li tistħoqq skont il-Liġi iżda li din għandha tkun fil-minimu permissibbli.

**Ikkunsidrat : -**

Illi din il-Qorti ħasbet fit-tul dwar xi tkun il-piena idoneja f'dawn iċ-ċirkostanzi. Rat li l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha, prevja l-preċisazzjoni tal-Uffiċjal Prosekutur kif hawn fuq imsemmi.

Illi l-imputat irreġistra ammissjoni fi stadju bikri ta' dawn il-proċeduri u għalkemm mhux fl-ewwel udjenza, din il-Qorti lesta li tieħu dan il-fattur in konsiderazzjoni fil-piena li ser tiġi inflitta, fis-sens li ser tikkunsidraha bħala ammissjoni bikrija, stante li għadhom ma bdewx jinstemgħu xhieda u ammetta hekk kif bdiet is-seduta.

Illi l-Qorti ser tieħu in konsiderazzjoni wkoll il-fatt li l-imputat ikkollabora mal-Pulizija fis-sens illi stqarr ħtijietu meta huwa ġie mitkellem mill-Pulizija u ta dettalji konkreti tas-serq u ħsara li kkommetta u r-raġuni għaliex wettaq is-serq.

Illi mill-banda l-oħra din il-Qorti ma tistax tinjora l-fatt li minn qari tal-fedina penali tal-imputat jirriżulta li huwa kien diġa ġie misjub ħati diversi drabi għal reati konnessi mal-pussess ta' drogi tal-abbuż u li dejjem ingħata liberazzjoni kondizzjonata jew probation order. Illum l-imputat għandu 35 sena u mhux xi tifel jew żagħżugħ t'eta tenera. Minkejja l-eta tiegħu, jidher biċ-ċar li l-imputat ma għarafx juża tajjeb iċ-ċansijiet li ingħata minn dawn il-Qrati meta tawh probation jew

liberazzjoni kondizzjonata u minflok ħalla l-ħsieb ħażin jirkbu minflok waqaflu u warbu minn quddiem għajnejh minnufih. Dan kien żball li wassal għal konsegwenzi serji li ser ikollu jaffaċċja illum.

L-Avukat Difensur semma li l-assistit tiegħu għandu problema tad-droga u li huwa ilu minn meta kellu tlettax il-sena jabbuża mid-droga. Dan il-fattur huwa aktar tat-tħassib u dan għaliex illum li għandu ħamsa u tletin sena, kellu jagħraf li ilu li wasal iż-żmien li jinfatam darba għal dejjem minn dan il-vizzju.

Hu jtenni li minkejja li kellu l-jedd isib il-wens tas-soċjeta biex jinfatam minn dan il-vizzju, tali wens b'xorti ħażina ma sabux. Il-Qorti tifhem li mhux kulħadd għandu x-xorti tajba li jkollu ħajja tajba u l-bogħod mill-vizzji u kriminalita'. Tifhem ukoll id-diffikultajiet li persuni bħall-imputat ikollhom minħabba l-ħakma li l-addiction ikollha fuq nies bħalu. Mill-banda l-oħra hemm limitu kemm persuna tista twaħħal fin-nuqqasijiet tas-soċjeta bħala raġuni għaliex huwa ikun aġixxa b'ċertu mod. Il-bniedem għandu s-setgħa tar-rieda u tar-raġuni. U raġel ta' ħamsa u tletin sena suppost li għandu raġuni biżżejjed biex jiddeċiedi jekk iwettaqx att ta' serq jew joqgħdox lura milli jwettqu.

Mill-banda l-oħra l-Qorti ma tistax tħares biss mill-għajnejn u mill-lenti tal-imputat u tad-drittijiet tiegħu. Il-Qorti ma tistax tibqa' b'għajnejha magħluqa u ċassa quddiem min l-opportunitajiet li tagħti jinorahom jew ma jkunx għaraf jużahom tajjeb. Il-Qorti tifhem l-imputat ukoll għandu obbligi li jrid josserva – fosthom li jirrispetta l-proprjeta ta' ħaddieħor. Il-vizzju tal-abbuż mid-droga li għandu l-imputat ma jistax inaqqas mill-gravita' tal-azzjoni li wettaq jew jiskużah għal dak li għamel. Bl-azzjonijiet tiegħu l-imputat għamel ħsara lil ħafna u ħafna nies – anke jekk din il-ħsara kienet waħda magħmula f'sitwazzjoni fejn setgħa kien iddisprat biex iġib il-flus. Il-problema tad-droga li għandu jsolviha billi jagħmel programm ta' rijabilitazzjoni u jimpenja ruħu bis-serjeta li jibqa' jsegwih u wara li jlestih b'suċċess u wara jibqa' sod sabiex jinfatam darba għal dejjem minn dan il-vizzju. Żgur li ma jsolvihx bl-azzjonijiet li għamel meta mar jisraq lill-ħaddieħor biex ikollu l-flus biex jissodisfa l-"habit" tiegħu li jkun ħakmu. Din mhix it-triq għas-salvazzjoni tiegħu iżda hija t-triq għar-rovina.

Il-Qorti trid iżżomm quddiem għajnejha wkoll is-sitwazzjoni tal-veri vittmi f'dan il-każ li huma dawk li spiċċaw intortament vittmi tas-serq u tal-ħsara fil-karozzi tagħhom - ċjoe' dawk in-nies innoċenti li kienu għall-affari tagħhom u li meta marru biex jużaw il-karozza tagħhom sabuha jew miksura, jekk mhux ukoll b'oġġetti personali tagħhom misruqa – u kemm il-darba dik ix-xena terġa tiġi quddiem għajnejhom kull darba li jmorru jiftħu l-bieba tal-karozza tagħhom!

Il-Qorti tinnota li skont dak mistqarr mill-Avukat Difensur l-imputat huwa kostrett li jieħu ħsieb lill-ommu wkoll. Issa jekk dan huwa l-każ, il-Qorti ma tistax tifhem kif qabel u meta kien qiegħed iwettaq il-ħsara fuq il-vetturi u s-serq mill-vetturi, l-imputat ma qagħadx iġib quddiem għajnejn lill-ommu u l-konsegwenzi li din ser tgħaddi minnhom hekk kif kienet ser issir taf bl-azzjonijiet li huwa kien qiegħed jagħmel. Bid-dovut rispett kien hemmhekk li kellu jġib lill-ommu quddiem għajnejh u mhux wara li kien kisser u seraq. Hemmhekk imbagħad kien tard wisq.

Il-Qorti rat ukoll li f'dan il-każ l-imputat ammetta għall-xejn anqas minn tmienja u erbgħin imputazzjoni, li kienu jinkludu mhux biss imputazzjonijiet alternattivi jew imputazzjonijiet kontestati bħala mezz għall-fini kif ser jingħad, iżda aktar serju minn hekk hemm imputazzjonijiet ta' ksur ta' ordni ta' probation kif ukoll l-imputazzjoni tar-reċidiva.

Il-Qorti trid tippuntwalizza li, f'dan il-każ, peress li għal aktar minn darba fis-sejbien ta' ħtija preċedenti il-pieni li kienu ġew inflitti fuqu kienu dawk stabbiliti mill-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, hija kienet sejra tieħu kont tar-reċidiva biss fit-termini permissibbli mill-Artikolu 25(1)(a) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta. Mill-banda l-oħra minħabba li kien diġa ingħata diversi opportunitajiet oħra taħt l-Att

dwar il-Probation u issa kiser l-ordni tal-probation billi kkommetta dawn ir-reati kollha, din il-Qorti illum għandha jdejha marbuta u ser iġġib fis-seħħ dak li kien provdut bis-sentenza mogħtija mill-Qorti presjeduta mill-Maġistrat Dottor Natasha Galea Sciberras skont kif imsemmi fl-imputazzjoni numru sebgħa u erbgħin.

Il-Qorti f'dan il-każ ma tistax timponi ordni ta' servizz fil-komunita' in kwantu tagħraf li minħabba l-vizzju tal-abbuż mid-droga li jidher li huwa afflitt minnu l-imputat, tali vizzju mhux kompatibbli ma' din il-piena tant li l-prassi tad-Dipartiment tas-Servizzi tal-Probation u Parole huwa ċar li f'dawn il-każijiet ma jirrakkomandawx li tingħata din il-miżura alternattiva. U dan bir-raġun għaliex jekk jingħata dan il-provvediment jistgħu ikunu mqegħda f'perikolu nies oħra innoċenti li jkun jista jiġi f'kuntatt magħhom l-imputat meta jmur iwettaq ix-xogħol komunitarju.

Mill-banda l-oħra il-Qorti tqis li f'dan il-każ, minħabba l-kwantita' ta' reati li bihom jinsab mixli l-imputat u l-modalita' ta' kif dawn ir-reati ġew imwetqa, hemm lok li l-imputat jiġi mogħti l-benefiċċju mħaddem mill-Artikolu 18 tal-Kodiċi Kriminali. Minkejja dan xorta jibqa l-fatt li b'dan l-Artikolu, u bir-reati kommessi l-imputat, huwa soġġett għal piena karċerarja li tiżboq sew il-ħames snin priġunerija u dan mingħajr kont tar-reċidiva!

Fiċ-ċirkostanzi tal-każ, il-Qorti mhix sejra timponi l-piena karċerarja la fil-massimu iżda l-anqas fil-minimu tagħha. Biss il-Qorti temmen li minbarra li jsegwi perkors ta' rijabilitazzjoni huwa meħtieġ għall-imputat li jinżamm il-bogħod minn ambjenti fejn ikun hemm id-droga faċilment aċċessibbli.

Il-Qorti sejra tikkonsidra li l-imputazzjoni tar-riċettazzjoni kif kontestata mill-Prosekuzzjoni għandha tiġi ritenuta alternattiva għar-reat ta' serq kull fejn dawn iż-żewġt reati jikkonkorru għall-istess fatt.

Apparti minn hekk, kwantu għar-reat tal-ħsara volontarja meta dan ġie mill-Prosekuzzjoni kontestat u abbinat mar-reat ta' serq mill-vetturi, tali ħsara kaġunata bil-ksur biex l-imputat aċċeda għall-vetturi de quo għall-fini ta' piena, kull fejn tirrikorri fis-sens hawn fuq spjegat, sejra titqies kompriża fil-kwalifika tal-mezz imputat fis-serq (kwalifikat) tal-vetturi.

Oltre minn hekk il-Qorti tinnota li f'dan il-każ ġiet kontestata l-kwalifika tal-lok lill-imputat – iżda mill-fatti u mid-dokumenti preżentati lilha ma jirriżultax li din il-kwalifika b'xi mod tissussisti u għalhekk din il-Qorti mhix tieħu konsiderazzjoni ta' din il-kwalifika għall-fini tal-piena li ser tagħti. Il-Qorti tifhem li dak li setgħa kellha f'moħħha l-Prosekuzzjoni

kienet il-kwalifika tas-serq bix-xorta tal-ħaġa misruqa (Artikolu 271(g)) – iżda dan ma ġiex hekk kontestat mill-Prosekuzzjoni.

**Għaldaqstant,** il-Qorti :

(1) fid-dawl li t-tieni, ħames, tminn, ħdax, erbatax, sbatax, għoxrin, tlieta u għoxrin, sitta u għoxrin, disgħa u għoxrin u tnejn u tletin imputazzjoni ingħataw bħala **alternattivi** għall-ewwel, raba', seba', għaxar, tlettax, sittax, dsatax, tnejn u għoxrin, ħamsa u għoxrin, tmienja u għoxrin, u wieħed u tletin imputazzjoni rispettivament, il-Qorti qed **tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tagħhom**; izda wara li rat l-Artikoli 17(d)(h), 18, 31, 49, 50, 261(b)(c)(e)(f), 263(a), 264(1), 265, 266(1), 267, 269, 278(3), 279(a), 280(1)(2), 289, 334(a), 325(1)(d) u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta kif ukoll tal-Artikoli 7, 21, 22, 23, 24 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, fuq l-ammissjoni tiegħu stess, issib lill-imputat **Christopher Borg** ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu ħlief għat-tieni, ħames, tminn, ħdax, erbatax, sbatax, għoxrin, tlieta u għoxrin, sitta u għoxrin, disgħa u għoxrin u tnejn u tlietin imputazzjoni għar-raġunijiet imsemija aktar il-fuq, u tenut kont taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ,

**tikkundannah :**

(a) kwantu għall-**<u>imputazjonijiet kollha ħlief</u>** minn naħa waħda għall-imputazzjonijiet numri sebgħa u erbgħin u tmienja u erbgħin imputazzjoni u minn naħa l-oħra għat-tieni, ħames, tminn, ħdax, erbatax, sbatax, għoxrin, tlieta u għoxrin, sitta u għoxrin, disgħa u għoxrin u tnejn u tlietin (li ġew kunsidrati bħala alternattivi skont kif imsemmi fil-paragrafu numru wieħed ta' dan id-dispositttiv); b'dan pero li fir-rigward tal-imputazzjonijiet kollha dwar is-serq kwalifikat stante li ma tirriżultax il-kwalifika tal-lok, din il-Qorti mhix tieħu din il-kwalifika in konsiderazzjoni għall-fini tal-piena eroganda fir-rigward tas-serq kwalifikat; b'dan ukoll li qegħda tqis it-tielet, sitt, disa', tnax, ħmistax, tmintax, wieħed u għoxrin, erba' u għoxrin, sebgħa u għoxrin, tletin u tlieta u tletin imputazzjoni bħala li jikkostitwixxu l-imputazzjonijiet tal-ħsara volontarja kaġunata bil-ksur biex l-imputat aċċeda għall-vetturi tal-vitmi u b'hekk ikun jista jisraq minnhom biex b'hekk dawn l-imputazzjonijiet qegħdin, għall-fini ta' piena, jitqiesu li huma kompriżi fil-kwalifika tal-mezz fis-serq imputat fl-ewwel, raba', seba', għaxar, tlettax, sittax, dsatax, tnejn u għoxrin, ħamsa u għoxrin, tmienja u għoxrin, u wieħed u tletin imputazzjoni rispettivament u b'hekk tikkundannaħ għall-piena ta' priġunerija effettiva għal perjodu ta' **tletin (30) xahar priġunerija millum**;

(b) kwantu għall-imputazzjonijiet numru sebgħa u erbgħin u tmienja u erbgħin, a tenur tal-Artikolu 23(1)(a) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, qed issib lill-imputat ħati li kiser il-kundizzjonijiet tal-

ordni ta' probation mogħti lilu permezz ta' sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta nhar it-2 ta' Settembru 2014 u għalhekk qegħda tittratta mal-ħati għall-imputazzjoni li dwarha hu kien impoġġi taħt l-ordni tal-probation daqs li kieku għadu kemm ġiet dikjarat ħati minn jew quddiem din il-Qorti għal dawk l-imputazzjonijiet u filwaqt li għal kull buon fini tikkonfermah ħati fir-rigward tal-imsemmija imputazzjoni, tħassar l-ordni tal-probation magħmul bis-sentenza imsemmija u wara li rat l-Artikoli 22(1)(a)(b) 2(b)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta u r-regolament 8 tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/1939) kif ukoll tal-Artikoli 7, 18 u 21 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta tikkundanna lill-imsemmi Christopher Borg għal-perjodu ulterjuri ta' **sitt (6) xhur priġunerija flimkien mal-multa ta' elf euro (€1000).**

**Għall-fini ta' kjarezza l-imputat b'din is-sentenza qiegħed jiġi kundannat għall-ammont komplessiv ta' sitta u tletin (36) xahar priġunerija flimkien ma multa ta' elf euro (€1000). Finalment il-Qorti tirrakkomanda lid-Direttur tal-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin sabiex jipprovdi lil Christopher Borg l-għajnuna psikoloġika meħtieġa u jassistih sabiex iwettaq b'suċċess proċess ta' rijabilitazzjoni mill-vizzju tal-abbuż mid-droga.**

Il-Qorti qiegħda tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba taħt l-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali għall-ħlas tal-ispejjeż tal-esperti, stante li ma ġie nominat l-ebda espert. Il-Qorti tordna li *ai termini* tal-Artikolu 392A(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta l-atti kollha ta' dawn il-proċeduri u kopja ta' din is-sentenza jintbagħtu lill-Avukat Ġenerali fiż-żmien mogħti mil-Liġi.

**Mogħtija illum, id-19 ta' Diċembru 2014 fil-Bini tal-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------